MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Talba Numru. 502/2006

**Maltacom p.l.c. (C 22334) u b'digriet ta' nhar id-29 ta' Novembru 2007, l-isem tas-Socjeta attrici inbidel minn Maltacom p.l.c. ghal Go Plc (C 22334)**

**vs**

**Primrose Poultry Products Limited (C 1806) u b'digriet tas-27 ta' April, 2007, it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Peter Millington**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghal hlas ta' tlett elef, tlett mija, sitta u ghoxrin Ewro u hamsa u hamsin centezmi (€3326.55), ekwivalenti ghal Lm1428.09, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgibu n-numru 21 616016 ( CN317439- A/C 10155061).

Illi l-konvenut kjamat in kawza gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet  legali.

Dok A- prospett, Dok B -kuntratt, u Dok C –prokura, mehmuzin.

Ra mill-atti li b'digriet tas-27 ta' April, 2007, it-Tribunal ordna l-kjamat in kawza ta' Peter Millington.

Ra mill-atti li l-konvenut kjamat in kawza baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenut kjamat in kawza naqas li jidher anki ghas-seduta ta` llum.

Illi gie pprezentat kapitolu  fis-seduta tad-19 ta' Frar, 2008 mill-Avukat Dr. Kris Borg.

It-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut kjamat in kawza naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------